

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0463/2006),
- 1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni.
- 2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament.
- 3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda sostanzjalment il-proposta mill-Kummissjoni.
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

P6_TA(2006)0555

L-inklużjoni tal-Bulgaru u r-Rumen fost il-lingwi proċedurali tal-Qorti tal-Prim' Istanza *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għal dak li jirrigwarda l-lingwi, sabiex jiġi inklużi l-Bulgaru u r-Rumen fost il-lingwi proċedurali kif stabbilit fir-Regoli ta' Proċedura (15715/2006 — C6-0435/2006 — 2006/0814(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (15715/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 245(2) tat-Trattat KE u l-Artikolu 160(2) tat-Trattat Euratom, li permezz ta' dan l-artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0435/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0462/2006),
- 1. Japprova l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill.
- 2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament.
- 3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda b'mod sostanzjali t-test sottomess għall-konsultazzjoni.
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

P6_TA(2006)0556

Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali (2008) *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni addodatta mill-Kunsill bil-għan li taddotta id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008) (14153/2/2006 — C6-0422/2006 — 2005/0203(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (14153/2/2006 — C6-0422/2006),

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2005)0467) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2006)0492) ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0435/2006),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni.
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni.
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE.
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Testi Adottati, 1.6.2006, P6_TA(2006)0234.

⁽²⁾ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

⁽³⁾ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

P6_TA(2006)0557**Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-linja gwida konġunta addottata mill-Kunsill bl-għan li jiġi adottat regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (14259/2006 — C6-0431/2006 — 2005/0090(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-linja gwida konġunta tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2006 (14259/2006),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0181 ⁽¹⁾) u l-proposta emendata (COM(2006)0213) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra il-pożizzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 ⁽³⁾ u tas-6 ta' Lulju 2006 ⁽⁴⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni u tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-proposta emendata tal-Kummissjoni ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 279 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0431/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 56 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju (A6-0447/2006),
1. Jaċċetta l-konklużjonijiet tal-konċiljazzjoni tal-21 ta' Novembru 2006 u jiddikjara bħala magħluqa l-proċedura ta' konċiljazzjoni li hemm dispożizzjoni għaliha fl-Artikolu 194 tar-Regolament Finanzjarju;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu kif annessa ma' din ir-risoluzzjoni leġislattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

⁽²⁾ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

⁽³⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0085.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0312.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0343.